**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 61/2019 RM**

**Christian Ellul**

**-Vs-**

**Matthew Caruana Galizia**

**Illum, 29 ta' Jannar 2020**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attur nhar is-27 ta' Marzu 2019 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lil konvenut ihallasu l-massimu kkontemplat fil-Kapitolu 579 tal-Ligijiet ta' Malta bhala danni in riparazzjoni tal-malafama li huwa sofra b'konsegwenza tat-tweets imtella mill-profil tat-twitter ta' Matthew Caruana Galizia nhar is-26 ta' Frar 2018 (ara Dok A u Dok B), nhar is-27 ta' Frar 2018 (ara Dok C), nhar l-14 ta' Marzu 2019 (ara Dok D) u nhar il-15 ta' Marzu 2019 (ara Dok E) bil-ghan li jtellef u jnaqqas ir-reputazzjoni, l-integrita' u l-unur tal-attur.

U dan previa dikjarazzjoni li bhala awtur tat-tweet li huwa ppublika huwa immalafama u illibella lill-attur billi attakkalu l-integrita', l-unur u r-reputazzjoni personali kif ukoll professjonali permezz ta' allegazzjonijiet u/jew insinwazzjonijiet ghal kollox inveritjieri u foloz kif ser jigi ppruvat.

Bl-ispejjez kontra l-intimat, li minn issa huwa ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut Matthew Caruana Galizia ipprezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-21 ta' Awwissu 2019 fejn eccepixxa fir-rispett:

*"1. Preliminarjament:*

*(a) Illi l-azzjoni dwar tweets tas-26 ta' Frar 2018 (Dok. A u B) u tas-27 ta' Frar 2018 (Dok. C) hija preskritta a tenur tal-Art. 18 tal-Kap. 579; u*

*(b) Illi l-fatt illi gew intavolati tlett kawzi ta' libell dwar l-istess pubblikazzjonijiet kotnra l-istess intimat (Avviz Nru. 60,61 u 62/2019) jindika b'mod car l-intenzjoni tar-rikorrenti li jivvessa u johnoq kull kritika.*

*2. Illi r-rikorrenti Karl Shranz m'ghandu ebda interess guridiku billi huwa qatt ma ssemma fit-tweets in kwistjoni.*

*3. Fil-mertu, ghalkemm fir-Rikors promotur, ma giex indikat mir-rikorrent b'liema parti/partijiet qed ihossu malafamat – u ghalhekk l-esponenti qed jirriserva li jipprezenta eccezzjonijiet ulterjuri wara li r-rikorrenti jaghti din l-informazzjoni – in linea generali, l-esponenti eccepixxa:*

*(i) Illi l-pubblikazzjoni tammonta ghall-'opinjoni onesta`;*

*(ii) Illi l-pubblikazzjoni hija wahda privileggjata a tenur tal-Art. 4 (4) (a) tal-Kap. 579; u*

*(iii) Illi l-pubblikazzjoni tammonta ghal fair comment dwar grajja ta 'interess pubbliku li huma ragjonevoli f'socjeta` demokratika.*

*Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu."*

Ikkunsidrat;

Illi din is-sentenza qieghda tinghata limitatament dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata fil-paragrafu 1(a) tar-Risposta tal-konvenut[1]. Din l-eccezzjoni testwalment, tghid hekk:-

"*Illi l-azzjoni dwar tweets tas-26 ta' Frar 2018 (Dok. A u B) u tas-27 ta' Frar 2018 (Dok. C) hija preskritta a tenur tal-Art. 18 tal-Kap. 579.*"

Jirrizulta illi ebda wahda mill-partijiet ma ressqu xi provi in konnessjoni ma' din l-eccezzjoni hlief illi waqt l-udjenza tat-18 ta' Novembru 2019 il-konvenut, tramite l-abbli difensur tieghu, iddikjara illi il-provi li ghandu in sostenn ta' din l-eccezzjoni jikkonsistu biss fil-pubblikazzjonijiet esebiti bhala Dok. A[2], Dok. B[3] u Dok. C[4] u cioe` dawk li saru fis-26 ta' Frar 2018 (Dok. A u Dok. B) u 27 ta' Frar 2018 (kwantu ghal Dok. C), u fil-fatt illi t-timbru tal-prezentata tar-Rikors promotur juri illi dan gie pprezentat fis-27 ta' Marzu 2019.

L-attur iddikjara li ma ghandux provi x'iressaq fir-rigward oltre r-rizultanzi mill-atti processwali.

Ikkunsidrat;

Qabel xejn ghandu jinghad illi biex kliem malafamanti jitqiesu bhala libell jew ingurja, jehtieg li l-kliem jigi ppubblikat, u l-pubblikazzjoni hija ghalhekk element essenzjali tal-azzjoni. Effettivament biex tkun azzjonabbli taht il-Kapitolu 579, jehtieg illi l-malafama ssir permezz ta' att li bih (i) kitba jew stampat, cioe` midja mitkuba, tiġi jew tista' tkun komunikata lil jew tinġieb għall-għarfien ta' xi persuni (li taghti lok ghal azzjoni ta' libell), jew (ii) kliem jew immaġni viżwali jigu disseminati (li jaghtu lok ghal azzjoni ghal ingurja).

---

[1] 21 ta' Awwissu 2019, fol. 22.
[2] Fol. 2.
[3] Fol. 3.
[4] Fol. 4.

Skont id-definizzjoni moghtija fil-Kapitolu 579 innifsu, "*midja miktuba*" tfisser kull kitba jew stampat, isir b'liema mezz isir, u tinkludi kull kontenut tal-midja miktub li jkun imxerred b'kull mezz kemm jekk permezz ta' pjattaformi elettronici *online* kif ukoll jekk imxerred b'kull mezz *offline* mingħajr l-użu ta' pjattaformi elettroniċi u tinkludi kull mezz ieħor li bih kliem jew immaġni viżwali jistgħu jinstemgħu jew jiġu perċepiti.

Imbaghad, l-element essenzjali tal-pubblikazzjoni ifisser kwalunkwe att li bih kull midja miktuba tiġi jew tista' tkun komunikata lil jew tinġieb għall-għarfien ta' xi persuni jew li bih kliem jew immaġni viżwali jiġu disseminati.

Minn dan isegwi manifestament illi t-*tweets* individwali li jifformaw l-oggett tal-azzjoni odjerna, kwantu jikkonsistu f'kitba li giet imxerrda permezz ta' pjattaforma elettronika *on-line* maghrufa bhala "Twitter" li, evidentement, hija accessibbli ghall-pubbliku in generali, jikkonfiguraw bhala pubblikazzjoni ghall-fini tal-Kapitolu 579 li a tenur tieghu giet intavolata l-azzjoni odjerna.

Ikkunsidrat;

L-Artikolu 18 tal-Kapitolu 579 jippreskrivi illi l-azzjoni ta' libell jigi estint wara li tkun ghaddiet sena mill-pubblikazzjoni:-

*Azzjoni taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandha, sakemm ma tkunx soġġetta għal perjodu iqsar ta' preskrizzjoni taħt dan l-Att, tkun preskritta wara li tkun għaddiet sena mid-data ta' pubblikazzjoni.*

Billi huwa manifest anke minn ezami superficjali tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama[5] (hawn aktar 'l isfel imsejjah "l-Att") li ha post il-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta, illi din il-ligi l-gdida giet evidentement imfassla b'riproduzzjoni kwazi testwali tad-Defamation Act [UK] li dahlet fis-sehh fis-sena 2013, ikun

[5] Kapitolu 579 tal-Ligijiet ta' Malta.

opportun li ssir referenza ghal dak li jghid *Gatley on Libel and Slander* in propositu:-

"*At common law accrual of the cause of action in libel and slander actionable per se occurs at the date of publication because at that moment the cause of action is complete.*"[6]

Intqal ukoll illi:-

"*The cause of action is complete and time begins to run even though the claimant was unaware of the libel or of the identity of the person who published it …*
*…*
*The rationale of these reductions in the basic limitation period is that a person whose reputation has been traduced should pursue legal redress with vigour: 'Memories fade. Journalists and their sources scatter and become, not infrequently, untraceable. Notes and other records are retained only for short periods.*"[7]

Fil-kaz ***Austin v Newcastle Chronicle and Journal Ltd*** inghad hekk:-

"*It is normally anticipated that a victim of defamation will pursue and will want to energetically pursue, the vindication of his good name. That is why the limitation period in actions for defamation is limited to one year.*"[8]

Ikkunsidrat;

Il-pubblikazzjonijiet li ghamel il-konvenut u li jifformaw il-mertu tal-azzjoni li ghandha quddiemha l-Qorti f'dan il-libell, huma hamsa, u qeghdin jigu hawn riprodotti:-

**Dok. A – 26 ta' Frar 2018 -** *Chief suspect in the murder of #JanKuciak, MarianKocner, used Malta for money laundering/tax evasion. His daughter is married to his Maltese lawyer Christian Ellul, of Ellul & Schranz Group, a sort of mini-Mossack Fonseca. It is corruption which threatens journalism in Europe.*

---

[6] Gatley on Libel and Slander – Second Cumulative Supplement to the Twelfth Edition, 2017.
[7] Gatley on Libel and Slander Twelfth Ed. 2013., 19.13, pp 789]
[8] [2001] EWCA.

**Dok B - 26 ta' Frar 2018 -** *Marian Kocner's mafia links and his use of Malta's laundromat services were reported as far back as 2012. Yet nothing was done. It was him versus a 27-year-old journalist, and guess who won the fight. There is no excuse for Europe' s lawmakers. #JanKuciak*

**Dok C - 26 ta' Frar 2018 -** *The business relationship continues to this day, despite the divorce. Christian Ellul still directs Marian Kocner's companies in Malta. Kockner's mafia links were reported in Malta as far back as 2012, so there' s really no excuse:*

**Dok C - 27 ta' Frar 2018 -** *Read #JanKuciak's own reporting: he blows open an evasion scheme run by Marian Kocner through Malta, using shell and holding companies set up and managed by Christian Ellul and Karl Shranz, respectively his lawyer and accountant in Malta.*

**Dok D - 14 ta' Marzu 2019 -** *Jan was investigating tax fraud committed by Kocner and his Maltese lawyers and accountants Ellul & Shranz. Will there be arrests in Malta, too?*

**Dok E -15 ta' Marzu 2019 -** *The full report on the Slovakia – Malta tax fraud that Jan Kuciak investigated, for which Slovak police now seem to be saying he was murdered: theshiftnews.com/2019/03/15/the…. Still no arrests in Malta for the lawyers and accountants who engineered the scheme.*

Madanakollu, il-konvenut jillimita espressament l-iskop u l-parametri tal-eccezzjoni minnu sollevata, ghal tlieta biss mill-hames pubblikazzjonijiet in kwistjoni cioe` dawk li saru permezz tat-*tweets* imtellghin mill-konvenut fuq il-profil tieghu fuq Twitter fis-26 ta' Frar 2018 u fis-27 ta' Frar 2018 kif fuq riprodotti u ghalhekk il-Qorti sejra tillimita l-istharrig taghha ghall-pubblikazzjonijiet li jidhru f'Dok. A, Dok. B u Dok. C.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 18 tal-Att kif ukoll tal-insenjament fuq citat, huwa evidenti illi ghall-finijiet tal-Artikolu 2137 tal-Kodici Civili, l-azzjoni ghall-malafama setghet tigi ezercitata mid-data tal-pubblikazzjoni tat-*tweets* rispettivi tas-26 ta' Frar 2018 u 27 ta' Frar 2018.

Relevanti fir-rigward huwa dak li ntqal fid-decizjoni recenti tal-Qorti tal-Appell fil-kaz ***Otuo v. Watchtower Bible and Tract Society of Britian***[9] fejn gie ritenut illi

"*the date on which a cause of action for libel and slander accrues is excluded from computation in arriving at the limitation period. Thus the limitation period begins to run from the day following the date of publication.*"

Fir-realta` din ma hija xejn hlief riflessjoni tal-principju bazilari tad-dritt civili *dies a quo non computatur in termino*, li jeskludi d-*dies a quo* ossia l-jum li fih isehh l-att li jiskaturixxi l-jedd ghall-ezercizzju tal-azzjoni, mill-komputazzjoni perijodu preskrittiv applikabbli, u dan ghall-kuntrarju tad-*dies a quem* li ghall-finijiet tal-komputazzjoni taz-zmien, hija inkluza fiz-zmien tal-preskrizzjoni. Applikat ghall-kaz odjern, dan ifisser illi ghall-finijiet tal-preskrizzjoni eccepita mill-konvenut, id-data tas-26 ta' Frar 2018 kwantu ghal Dok. A u Dok. B, u d-data tas-27 ta' Frar 2018 kwantu ghal Dok. C ma jinghaddux fiz-zmien ghall-preskrizzjoni tal-azzjoni. Ghaldaqstant, iz-zmien ghall-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna ghall-fini tal-eccezzjoni in dizamina, ma ghandux jitqies li jaghlaq qabel is-27 ta' Frar 2019.

Ikkunsidrat;

Billi izda, fil-mira tal-azzjoni odjerna insibu mhux biss pubblikazzjoni wahda izda diversi pubblikazzjonijiet konsistenti f'hames *tweets* separati imtellghin fuq it-Twitter account tal-konvenut f'hinijiet u granet differenti, il-Qorti ma tistax ma tiehux qies tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 13 tal-Att li huma ta' relevanza u ghandhom jigu applikati ghall-finjiet tal-kalkolu taz-zmien perentorju ghall-azzjoni tal-malafama.

Id-dispozizzjonijiet ta' dan l-Artikolu japplikaw f'kaz fejn persuna tippubblika dikjarazzjoni għall-pubbliku jew ghal settur tal-pubbliku ("*l-ewwel pubblikazzjoni*"), u sussegwentement tippubblika dik id-dikjarazzjoni jew dikjarazzjoni li hija sostanzjalment l-istess ("*il-pubblikazzjoni sussegwenti*"). Is-subartikolu (3) ta' dan l-Artikolu mbaghad jipprovdi illi f'kaz bhal dan,

[9] [2017], EWCA Civ. 136 – Gatley, Second Cumulative Supplement to Twelfth Edition, pp. 149.

kwalunkwe "*każ ta' azzjoni*"[10] kontra l-persuna għal malafama fir-rigward ta' pubblikazzjoni sussegwenti għandha titqies bħala li saret fid-data tal-ewwel pubblikazzjoni, purche` l-mod tal-pubblikazzjoni sussegwenti ma jkunx materjalment differenti mill-mod li bih saret l-ewwel pubblikazzjoni.

Din id-dispozizzjoni tal-ligi hija riproduzzjoni tar-regola introdotta bl-artikolu 8 tad-Defamation Act UK tal-2013 li kapovoltiet il-pozizzjoni li precedentement kienet maghrufa bhala "*the multiple publication rule*". Illum, il-pozizzjoni applikabbli taht l-Artikolu 13 tal-Att u taht l-artikolu 8 tad-Defamation Act 2013, hija s-segwenti:-

"*The rule which applies to a republication of the same material by the publisher*[11] *will prevent any claim being brought in respect of the subsequent publication more than one year from the date of the first publication … The rule however, will only apply where the <u>original publisher</u> republishes the statement complained of in substantially the same form: it will not apply where a third party repeats or publishes the original statement.*"[12]

L-iskop tal-htiega illi d-dikjarazzjoni pubblikata tkun sostanzjalment l-istess, gie mfisser hekk:-

"*… to ensure that the provisions catch publications which have the same content or content which has changed very little so that the essence of the defamatory statement is not substantially different from that contained in the earlier publication.*"[13]

Dan ifisser illi l-pubblikazzjoni sussegwenti mill-istess persuna, ta' dikjarazzjoni li tikkontjeni materjalment l-istess allegazzjoni li kienet saret minnha fl-ewwel pubblikazzjoni, taqa' biex tigi regolata mill-Artikolu 13 tal-Att.

[10] Fil-verzjoni tal-Att bil-lingwa Ingliza, ir-referenza hija ghal "*any cause of action*", u f'kull kaz, kif inghad, dan l-Artikolu jirripproduci testwalment l-artikolu 8 tad-Defamation Act 2013 [UK].
[11] Fl-Att, ir-referenza hija ghal "*persuna*" u mhux ghar-"*responsabbli ghall-pubblikazzjoni*".
[12] Enfasi orignali. Gatley On Libel and Slander. Twelfth Ed. 2013, pp. 252.
[13] Explanatory Notes to the Defamation Act 2013 [UK].

Ikkunsidrat;

F'dan il-kaz li ghandha quddiemha l-Qorti, huwa evidenti illi l-qafas tat-*tweets* kollha li ttellghu mill-konvenut fuq il-profil tieghu ta' Twitter, u li huma mertu ta' din il-kawza, jittratta l-konnessjoni bejn Malta u l-Islovakja fil-qerq u evazjoni tat-taxxa u hasil tal-flus li kienu qed jigu investigati u mikxufa mill-gurnalist Jan Kouciak permezz tal-allegata relazzjoni personali u kummercjali bejn il-persuna fil-mira ta' dawn l-investigazzjonijiet, l-iSlovak Marian Kocner li huwa suspettat ukoll fil-qtil tal-imsemmi Jan Kuciak, u l-attur Christian Ellul li kien mizzewweg lil bint Kocner, liema konnessjoni l-konvenut sostna li tezisti ghaliex il-kumpanniji li twaqqfu u kienu jigu amministrati mill-attur u minn Karl Schranz tramite s-socjeta` E&S Consultancy Limited, ghan-nom ta' Marian Kocner, gew kostituwiti sabiex jiffacilitaw il-hidma ta' dawn l-attivitajiet illegali.

Ghaldaqstant, filwaqt li huwa ovvju li l-mod tal-pubblikazzjoni ta' dawn id-diversi stqarrijiet huwa materjalment l-istess jekk mhux identiku, stante li saru kollha fuq l-istess pjattaforma elettronika tal-profil ta' Twitter tal-konvenut, jirrizulta wkoll illi d-diversi *tweets* li jidhru f'Dok. C, li hija l-pubblikazzjonijiet sussegwenti, huma entrambi sostanzjalment simili għall-ewwel pubblikazzjoni cioe` it-*tweets* li saru fis-26 ta' Frar 2018 (Dok. A u Dok. B), u dan ghaliex ilkoll jittrattaw il-konnessjoni bejn Marian Kocner fuq naha, u l-attur Christian Ellul tramite s-socjeta` E&S Consultancy Limited fuq in-naha l-ohra, fir-rigward tal-iskema tal-hasil tal-flus allegatament mahduma minnhom.

Il-korollarju ta' dan huwa illi effettivament, id-*dies a quo* ghall-fini taz-zmien perentorju tal-azzjoni għal malafama fir-rigward tal-pubblikazzjonijiet sussegwenti għandu jitqies li sehh fid-data tal-ewwel pubblikazzjoni fis-26 ta' Frar 2019, liema jum izda kif stabbilit, ma jitqies fil-komputazzjoni tal-perijod preskrittiv.

Hawnhekk ikun opportun illi jigi ribadit illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni giet cirkoskritta espressament mill-konvenut ghall-pubblikazzjonijiet li saru fis-26 ta' Frar 2018 u 27 ta' Frar 2018 u mhux ghal dawk li saru sussegwentement li izda, ukoll jifformaw il-mertu ta' din l-azzjoni ghall-malafama.

Ikkunsidrat;

Illi skont kif jirrizulta mit-timbru tal-prezentata, ir-Rikors promotur gie pprezentat fis-27 ta' Marzu 2019. Stabbilit illi d-*dies a quo* sehh fis-26 ta' Frar 2018 izda z-zmien ta' sena jibda jghaddi mill-ghada 27 ta' Frar 2018 kwantu ghat-*tweets* li jidhru f'Dok. A, Dok. B u Dok. C, jirrizulta illi ghaddiet iktar mis-sena stipolata fl-Artikolu 18 tal-Att u konsegwentement, l-azzjoni ghall-malafama, talanqas kwantu it-*tweets* mertu tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif ifformulata mill-konvenut, hija preskritta.

**DECIDE**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, ossia dik enumerata 1(a), u tiddikjara illi l-azzjoni attrici dwar il-pubblikazzjonijiet ossia *tweets* li saru fis-26 ta' Frar 2018 (Dok. A u B) u fis-27 ta' Frar 2018 (Dok. C), hija preskritta a tenur tal-Art. 18 tal-Kap. 579 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**L-ispejjez ta' dan l-episodju jithallsu mill-attur.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAGISTRAT.**

**Deputat Registratur**